# Il-Ġublew ta' Sant'Anna

*(2022-2025)*

**minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.**

Nhar l-24 ta' Settembru 2022, l-Isqof ta' Vannes, waqt quddiesa solenni fil-Bażilika Santwarju ta' Sant'Anna f'Sainte-Anne-d'Auray fi Franza, nieda l-Ġublew ta' Sant'Anna f'għeluq l-400 mid-dehriet ta' din il-qaddisa bejn l-1623 u l-1625 lill-bidwi Yves Nicolazic li kellu r-raba' fir-raħal ta' Keranna (Id-Dar ta' Anna), illum Sainte-Anne d'Auray. Il-Ġublew jagħlaq fis-sena 2025 u se jaħbat mal-Ġublew il-Kbir imniedi mill-Papa Franġisku bħala żmien ta' fejqan u qawmien mill-ġdid wara l-imxija tal-COVID-19. Fatt interessanti huwa li dan is-Santwarju huwa marbut intimament mal-Ordni Karmelitan, kif se naraw.

## Min hu Yves Nicolazic?



Twieled fl-1591 fi Pluneret, raħal ċkejken qrib Vannes. Yves kien jgħix f'Keranna, fejn kien jaħdem ir-raba'. Parti mill-art li kellu kienet magħrufa bħal Bocenno, art diffiċli biex taħdimha għax kienet mimlija ġebel kbir, hekk li kull darba li kien jgħaddi minn fuqha bl-għoġġiela biex jaħratha, il-moħriet kien spiss jeħel u jkun se jinqasam. In-nies tal-inħawi kienu jgħidu li fil-qedem fuq din l-art kien hemm kappella. Mhux darba u tnejn waqt il-ħrit kien jitla' fil-wiċċ xi ġebel maħdum. Tant hu hekk li fl-1615 missier Yves kien uża wħud minnhom biex isewwi l-maħżen li kellu. Ir-raba' kien għammiel u Yves kien jaħdem din l-art b'idejh. Yves kien raġel twajjeb, devot u tal-knisja. Kulħadd kien iżommu b'ruħ qaddisa. Bosta kienu jitolbuh il-pariri, l-aktar biex jidħol għalihom bħala medjatur meta jinqala' xi saram fir-raħal. Però, il-qraba tiegħu, kienu jżommu kemxejn 'il bogħod minnu minħabba li hu u martu Guillemette Le Roux ma kellhomx tfal, u fil-fehma tagħhom dan kien għajb għalih u għalihom. Kienu ilhom miżżewġa sa mill-1613. Kien jitqarben spiss u kien devot ta' Sant'Anna.

## Id-dehriet

Fis-sajf tal-1623 huwa u jitlob bl-interċessjoni ta' Sant'Anna, "l-omm l-aktar twajba", dehret quddiemu xemgħa mixgħula li dawlet il-kamra u d-dar fejn kien. Dan il-fenomenu seħħ mill-ġdid xi ġimgħat wara, sakemm f'Awwissu tal-1623, flimkien ma' ħu martu Louis Le Roux mar iġib lura l-għoġġiela mill-mergħa ta' ħdejn l-għajn tal-ilma ġieri. Bħas-soltu qabel ireġġgħuhom lura fil-mandra, ħaduhom jixorbu mill-għajn. Iżda din id-darba l-għoġġiela ma riedu jitħarrku b'xejn. Quddiemhom kien hemm mara kollha dija b'xemgħa mixgħula f'idejha. Hija tbissmet imma ma tkellmitx. Fix-xhur ta' wara kellu bosta dehriet, daqqa fejn is-salib li hemm fi triq Plumerel, u li baqa' magħruf bħala s-salib ta' Nicolazic, u daqqa fid-dar jew ukoll biswit il-funtana. Billi huwa kien iqerr għand il-Franġiskani, fetaħ qalbu dwar dak li kien qed jiġrilu mal-kappillan tal-post Silvestru Roduez, li qallu jistaqsi lil din il-mara min hi. Nhar il-25 ta' Lulju 1624, huwa staqsieha: "X'jismek?" U hi weġbitu bid-djalett Breton: "Yves Nicolazic, tibżax: jien Anna, Omm Marija. Mur għid lir-Rettur tiegħek li fil-biċċa art imsejħa *Bocenno* kien hemm darba kappella, li kienet teżisti ġa qabel ir-raħal u

li hija l-ewwel kappella ddedikata lili fil-Bretanja, u li ilha maħtuta u mwaqqgħa 924 sena u sitt xhur. Jiena rrid li din terġa' tinbena u li inti għandek tieħu ħsieb dan. Hija xewqa ta' Alla li jiena hawn inkun imweġġħa." Il-Franġiskani, li kienu jafuh sewwa, għarbluh u emmnuh, iżda l-kappillan u l-isqof urew riżervi kbar dwar din il-biċċa. Sakemm fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Marzu 1625 Sant'Anna deħritlu mill-ġdid u qaltlu: "Yves, aqbad il-ġirien, u imxu hemm fejn se twassalkom ix-xemgħa, u fejn tieqaf issibu xbieha tiegħi li inti turiha lid-dinja, hekk kulħadd jemmen dak li jiena tlabtek." Flimkien ma' ħu martu Louis Le Roux u xi ġirien oħra Jacques Lucas, François Le Bléavec, Jean Tanguy et Julien Lézulit. Ix-xemgħa wasslithom fir-raba', fejn kien jingħad li kien hemm il-kappella, u hemm bdew iħaffru sa ma sabu statwa qadima minquxa fl-injam. F'daqqa waħda folla ta' nies inġemgħet fil-post, mhux biss mir-raħal imma wkoll mill-inħawi tal-madwar. Fit-12 ta' Marzu 1625, l-Isqof bagħat delegat tiegħu biex isejjaħ lil Yves ħalli jiġi mistħarreġ minnu fil-kunvent tal-Kapuċċini ta' Vannes. Yves ġie emmnut u beda l-bini tal-kappella li fiha bdew iseħħu l-mirakli u l-grazzji. Yves Nicolazic miet fl-1645 fi Plumerel fejn inħeba minn għajn il-folol, meqjum minn kulħadd bħala qaddis. U ġie midfun hemm fejn xtaq, fil-post fejn Sant'Anna wrietu x-xbieha tagħha. Ukoll qabel miet hu u martu qalgħu l-grazzja tal-ulied.

## Il-wasla tal-Karmelitani

Meta l-kappella tlestiet fl-1628, l-Isqof tal-post talab lill-Karmelitani jieħdu f'idejhom il-kappella. P. Filippu Thibault, missier il-moviment tar-Riforma ta' Touraine, li kien devot kbir ta' Sant'Anna u dak iż-żmien Provinċjal, ħaseb biex jinbena kunvent u jibgħat ir-reliġjużi Karmelitani, li bnew kunvent fuq pjanta ta' wieħed minnhom u minn dan il-post xerrdu d-devozzjoni lejn Sant'Anna. Il-Karmelitani baqgħu hemm sar-Rivoluzzjoni Franċiża, sakemm fl-1792 ġew imkeċċija mir-Rivoluzzjonarji u fl-1794 ħarbtu l-kappella u ħarqu x-xbieha ta' Sant'Anna.



Wara r-Rivoluzzjoni Franċiża fl-1802, il-kunvent u l-kappella ngħataw lill-Isqof tal-post li ġab jamministrawh qassisin li qabel ir-Rivoluzzjoni kienu reliġjużi Karmelitani. Fl-1866 bdiet tinbena l-Bażilika li għadha wieqfa sal-lum u li fiha tinżamm b'għożża x-xbieha ta' Sant'Anna maħduma mill-ġdid fuq ta' qabilha u li fil-pedestall tagħha hemm imħarsa fdalijiet mill-istatwa oriġinali pprofanata mir-Rivoluzzjonarji. L-istatwa l-ġdida ġiet inkurunata fl-1933. Fil-Bażilika wkoll jinsabu twieqi tal-ħġieġ imlewwen, li fost l-oħrajn jirrakkonta l-ġrajja tal-Karmelitani f'Sainte-Anne d'Auray. Dan is-Santwarju għadu sal-lum jiġbed ħafna pellegrini, fosthom ta' koppji li ma jistgħux inisslu wlied.



Fatt interessanti huwa li sal-lum f'dan is-Santwarju Bażilika tingħad Sliema u Qaddisa partikulari, imsejħa "Is-Sliem għalik Marija tal-Karmelitani" u li tiċċelebra l-misteru tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija fil-ġuf ta' Sant'Anna:

"Sliem għalik Marija mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek. Ma tkun miegħi l-grazzja tiegħek, o Verġni Marija, u ħa tkun imbierka Anna ommok, li minnha inti twelidt bla tebgħa, inti li minnek twieled Ġesù Kristu l-Iben imbierek ta' Alla. Qaddisa Marija Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen." Il-Karmelitani għadhom sal-lum imsemmija u mistennija. Meta kelli x-xorti nżur dan is-Santwarju, l-Isqof minn rajh, kif rani bit-tonka, ġie jsellimli "bienvenue chez vous!", jiġifieri "merħba f'darek" u żied: "meta tridu terġgħu tiġu lura, il-bieb miftuħ."

F'dan il-Ġublew nitolbu lis-"Sinjura Sant'Anna", kif iħobbu jsejħulha f'Sainte-Anne d'Auray, hi li hija dik li taqla' l-grazzja tal-ulied, sabiex tagħmel mill-Karmelu fi Franza u madwar id-dinja, art għammiela għall-vokazzjonijiet qaddisa.